

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1464

tal-10 ta' Settembru 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Abbażi ta' reviżjoni mill-Kunsill, l-informazzjoni dwar 19-il individwu u sitt entitajiet fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 għandha tiġi emendata.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

⁽¹⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014, l-entrati li jikkonċernaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"4.	Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ) Denys Valentynovych BEREZOVSYY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Kharkiv, SSR tal-Ukrajna, (issa l-Ukrajna)	Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali tal-Ukrajna fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, u b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna. Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015. Aġent Kmandant tal-Flotta tal-Paċifiku tal-Federazzjoni Russa u Viċi Ammirall.	17.3.2014
17.	Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK (Сергей Владимирович ЖЕЛЕЗНЯК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.7.1970 Post tat-twelid: San Pietruburgu (qabel kien Leningrad), Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna. Eks Viċi President u attwalment membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Membru tal-Presidju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit Russja Magħquda.	17.3.2014
37.	Sergei Ivanovich MENYAILO (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)	Sess: raġel Data tat-twelid: 22.8.1960 Post tat-twelid: Alagir, SSR Awtonoma tal-Ossezja tat-Tramuntana, RSFSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol. Eks Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja. Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Aġent Kap tal-Ossezja tat-Tramuntana mid-9 ta' April 2021.	29.4.2014
51.	Vladimir Nikolaevich PLIGIN (Владимир Николаевич ПЛИГИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.5.1960 Post tat-twelid: Ignatovo, Oblast ta' Vologodsk, USSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks President tal-Kumitat tal-Liġi Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli għall-faċilitazzjoni tal-adozzjoni ta' leġislazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. Eks Membru tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda. Konsulent għall-Ispeaker tad-Duma, Volodin. Attwalment riċerkatur fl-Istitut tal-Istat u l-Liġi tal-Akkademya Russa tax-Xjenzi. Kopresident tal-Assoċjazzjoni Russa tal-Avukati.	12.5.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
53.	Oleg Grigorievich KOZYURA (Олег Григорьевич КОЗЮРА) Oleh Hryhorovych KOZYURA (Олег Григорович КОЗЮРА)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.12.1965 jew 19.12.1962 Post tat-twelid: Simferopol, il-Krimea jew Zaporizhia, l-Ukrajna	Eks Kap tal-uffiċċju tas-Servizz Federali tal-Migrazzjoni għal Sevastopol. Responsabbli għall-ħruġ sistematiku u rapidu ta' passaporti Russi għar-residenti ta' Sevastopol. Eks Kap tal-Persunal tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Sevastopol. Konsulent għall-Gvernatur ta' Sevastopol.	12.5.2014
58.	Roman Viktorovich LYAGIN (Роман Викторович ЛЯГИН) Roman Viktorovych LIANIN (Роман Вікторович ЛЯГІН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 30.5.1980 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Eks kap tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Organizza b'mod attiv ir-referendum fil-11 ta' Mejju 2014 dwar l-awtodeterminazzjoni tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Eks "Ministru għax-Xogħol u l-Politika Soċjali". Soġġett għal proċedimenti kriminali fl-Ukrajna.	12.5.2014
79.	Mikhail Vladimirovich DEGTYARYOV/DEGTYAREV (Михаил Владимирович ДЕГТЯРЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.7.1981 Post tat-twelid: Kuibyshev (Samara), Federazzjoni Russa	Eks Membru tad-Duma tal-Istat. Bħala membru tad-Duma huwa ħabbar l-inawgurazzjoni tal-"ambaxxata <i>de facto</i> " tal-hekk imsejħa u mhux rikonoxxuta "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" f'Moska. Huwa jikkontribwixxi għall-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Eks President tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat Russu dwar l-Edukazzjoni Fiżika, l-Isport u l-Affarijiet taż-Żgħażaġħ. Mill-20 ta' Lulju 2020, Aġent Gvernatur ta' Khabarovsk Krai. Mis-6 ta' Frar 2021, Koordinatur tal-fergħa reġjonali tal-Partit Demokratiku Liberali tar-Russja..	25.7.2014
84.	Fyodor Dmitrievich BEREZIN (Фёдор Дмитриевич БЕРЕЗИН) Fedir Dmytrovych BEREZIN (Федір Дмитрович БЕРЕЗИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.2.1960 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	L-hekk imsejjaħ ex "viċi Ministru għad-difiża" tal-hekk imsejjaħ "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Huwa assoċjat ma' Igor Strelkov/Girkin li huwa responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Billi assumu u aġixxa f'din il-kapaċità Berezin għalhekk appoġġa azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. President attwali tal-Bord tal-Unjoni tal-Kittieba tad-DNR u Deputat tal-Kunsill tal-Poplu tad-DNR.	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
108.	Vladimir Abdualiyevich VASILYEV (Владимир Абдуалиевич ВАСИЛЬЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 11.8.1949 Post tat-twelid: Klin, Reġjun ta' Moska, Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol". Eks kap tar-Repubblika ta' Dagestan.Mill-5 ta' Ottubru 2020. Konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa.	12.9.2014
111.	Vladimir Stepanovich NIKITIN (Владимир Степанович НИКИТИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 5.4.1948 Post tat-twelid: OPOCHKA, Federazzjoni Russa	Eks membru tad-Duma tal-Istat u kien l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-Komunità ta' Stati Indipendenti (KSI), l-Integrazzjoni Ewro-Asjatika u Relazzjonijiet mal-Kompatrijotti tad-Duma tal-Istat. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – ir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' Status Federali Sevastopol'. Membru tal-Presidium tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista tal-Federazzjoni Russa. Mexxej tal-moviment pubbliku għalkollox Russu "Konkordju Russu" li jipprova joħloq ċivilizzazzjoni Russa unika u jsaħħaħ il-pożizzjoni tar-Russja f'dak li qabel kien l-ispazju Sovjetiku u l-KSI.	12.9.2014
119.	Alexander Mikhailovich BABAKOV (Александр Михайлович БАБАКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 8.2.1963 Post tat-twelid: Chisinau, SSR Moldovana (issa r-Repubblika tal-Moldova)	Eks membru tad-Duma tal-Istat. Eks Deputat tad-Duma tal-Istat, President tal-Kummissjoni tad-Duma tal-Istat dwar Dispożizzjonijiet Leġiżlattivi għall-Iżvilupp tal-Kumpless Militari-Industrijali tal-Federazzjoni Russa. Huwa membru prominenti tar-"Russja Magħquda" u negozjant b'investimenti importanti fl-Ukrajna u fil-Krimea. Fl-20 ta' Marzu 2014, ivvota favur l-abbozz tal-Liġi Kostituzzjonali Federali "Dwar l-aċċettazzjoni fil-Federazzjoni Russa tar-"Repubblika tal-Krimea" u l-formazzjoni fi ħdan il-Federazzjoni Russa ta' suġġetti federali ġodda – fir-"Repubblika tal-Krimea" u l-Belt ta' status federali ta' Sevastopol". Attwalment membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Membru tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Barranin Wara l-fużjoni tal-partiti politiċi – "Russja Ġusta", "Għall-Verità", u "Patrijotti tar-Russja", Babakov sar is-Segretarju tal-Presidju tal-Kunsill Ċentrali tal-entità fuża.	12.9.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
121.	Oleg Konstantinovich AKIMOV (magħruf ukoll bħala Oleh AKIMOV) (Олег Константинович АКИМОВ) Oleh Kostiantynovych AKIMOV (Олег Костянтиневич АКИМОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.9.1981 Post tat-twelid: Luhansk, Ukrajna	Deputat tal-“Unjoni Ekonomika ta’ Luhansk” fil-“Kunsill Nazzjonali” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Ħareġ bħala kandidat fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tat-2 ta’ Novembru 2014 għall-kariga ta’ tal-hekk imsejjaħ “Kap” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Dawn l-“elezzjonijiet” kienu ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Eks “Kap” tal-hekk imsejħa “Federazzjoni tat-Trade Unions”. Eks membru tal-hekk imsejjaħ “Kunsill tal-Poplu” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Billi assumu u aġixxa f’dawn il-kapaċitajiet, u billi pparteċipa formalment bħala kandidat fl-“elezzjonijiet” illegali, huwa għalhekk appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Jappoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	29.11.2014
130.	Ihor Vladymyrovych KOSTENOK (magħruf ukoll bħala Igor Vladimirovich KOSTENOK) (Игорь Владимирович КОСТЕНОК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.3.1961 Post tat-twelid: Vodyanske, Dobropillia Rayon, Donetsk oblast, l-Ukrajna Водянское, Добропольский район Донецкой области, Украина	L-hekk imsejjaħ eks “Ministru għall-Edukazzjoni” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Billi assumu u aġixxa f’dawn il-kapaċitajiet, huwa għalhekk appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Attwalment jaħdem għall-Akkademja Maniġerjali ta’ Donetsk u s-Servizz Pubbliku taħt l-hekk imsejjaħ “Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Minn Settembru 2018, Professur tad-Dipartiment tal-Istat u l-Amministrazzjoni Muniċipali fl-Istituzzjoni Edukattiva Baġitarja tal-Istat Federali tal-Edukazzjoni Ogħla “Università Russa tal-Ekonomija. G.V. Plekhanov”.	29.11.2014
131.	Yevgeniy Vyacheslavovich ORLOV (magħruf ukoll bħala Yevhen Vyacheslavovich ORLOV) (Евгений Вячеславович ОРЛОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.5.1980 jew 21.10.1983 Post tat-twelid: Snezhnoye, Donetsk oblast, l-Ukrajna г. Снежное, Донецкой области, Украина	Eks membru tal-“Kunsill Nazzjonali” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Eks president tal-moviment pubbliku “Donbass Ħieles”. Billi assumu u aġixxa f’dawn il-kapaċitajiet, huwa għalhekk appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Viċi President tal-Kumitat tal-Assemblea Nazzjonali dwar l-Industrija u l-Kummerċ tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
137.	Eduard Aleksandrovich BASURIN (Эдуард Александрович БАСУРИН) Eduard Oleksandrovych BASURIN (Едуард Олександрович БАСУРИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.6.1966 Post tat-twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Kelliem u Viċi Kap tal-“Milizzja tal-Poplu” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”. Billi assumu u aġixxa f’dawn il-kapaċitajiet, huwa għalhekk appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Viċi Kap tad-“Dipartiment tal-Milizzja tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.	16.2.2015
138.	Alexandr Vasilievich SHUBIN (Александр Васильевич ШУБИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 20.5.1972 jew 30.5.1972 Post tat-twelid: Luhansk, Ukrajna	L-hekk imsejjaħ eks “Ministru għall-Ġustizzja”, tal-hekk imsejjaħ “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” illegali. Eks President tal-“Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejjaħ “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Billi assumu u aġixxa f’dawn il-kapaċitajiet, huwa għalhekk appoġġa b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u ddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Imkeċċi minn president tal-“Kummissjoni Elettorali Ċentrali” tal-hekk imsejjaħ “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” f’Ġunju 2018. Irreġistrat bħala nutar f’Luhansk. Ikompli jappoġġa u jilleġittimizza l-politiki separatisti.	16.2.2015
158.	Andrey Vladimirovich CHEREZOV (TSCHERESOW) (Андрей Владимирович ЧЕРЕЗОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 12.10.1967 Post tat-twelid: Salair, Kemerovskaya oblast, il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi Ministru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa. Iġorr parti mir-responsabbiltà għad-deċiżjoni li jiġu ttrasferiti turbini tal-gass li kienu ġew ikkonsenjati minn Siemens Gas Turbine Technologies OOO lil OAO VO Technopromexport, biex jiġu installati fil-Krimea. Din id-deċiżjoni tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta’ provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta’ appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u tipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	4.8.2017
160.	Sergey Anatolevich TOPOR-GILKA (Сергей Анатольевич ТОПОР-ГИЛКА)	Sess: raġel; Data tat-twelid: 17.2.1970 Post tat-twelid: Repubblika Soċjalista Sovjetika tal-Moldova (issa, ir-Repubblika tal-Moldova) Nazjonalità: Russa	Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta’ OAO “VO TPE”, huwa mexxa n-negozjati ma’ Siemens Gas Turbine Technologies OOO dwar ix-xiri u l-konsenja tat-turbini tal-gass għal impjant tal-enerġija f’Taman, ir-reġjun ta’ Krasnodar, Federazzjoni Russa. Aktar tard, bħala Direttur Ġenerali ta’ OAO “VO TPE”, kien responsabbli għat-trasferiment tat-turbini tal-gass lejn il-Krimea u għall-implimentazzjoni tal-proġett ta’ kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija termali Balaklava u Tavricheskaya, fejn ġew installati t-turbini. Dan jikkontribwixxi biex tiġi stabbilita provvista indipendenti ta’ enerġija għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta’ appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	4.8.2017

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
164.	Aleksandr Yurevich PETUKHOV Aleksandr Yurievich PETUKHOV (Александр Юрьевич ПЕТУХОВ) Oleksandr Yuriyovych PIETUKHOV (Олександр Юрійович ПЕТУХОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 17.7.1970 Post tat-twelid: Ryazan, il-Federazzjoni Russa	Eks President tal-Kummissjoni Elettorali ta' Sevastopol. F'din il-kapaċità huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 fil-Krimea u Sevastopol, li ġew annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Kap Spettur Federali tar-reġjun ta' Moska. Mis-6 ta' April 2021, Assistent tar-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali Ċentrali.	14.5.2018"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"7.	Russian community 'Sobol' (Komunità Russa "Sobol") Русская община 'Соболь'	Media soċjali: http://vk.com/sobolipress http://www.русскоедвижение.рф/ Nru tat-telefon: (0652) 60-23-93 Indirizz elettroniku: SoboliPress@gmail.com Indirizz: Ukraine, Crimea, Simferopol, str. Kiev, 4 (area bus station "Central").	Organizzazzjoni paramilitari radikali, responsabbli għall-appoġġ bla ħa bi tal-użu tal-forza biex jintemm il-kontroll tal-Ukrajna fuq il-Krimea, u għaldaqstant tipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Responsabbli għat-taħriġ ta' separatisti biex jiġġieldu kontra l-forzi tal-gvern Ukren fil-Lvant tal-Ukrajna, u għaldaqstant thedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna.	25.7.2014
11.	"Vostok Brigade" ("Brigata Vostok") "Бригада Восток" (magħrufa wkoll bħala Vostok Battalion (Battaljun Vostok); "Батальон Восток")	Media soċjali: http://vk.com/patriotic_forces_of_donbas http://patriot-donetsk.ru/ info.patriot.donbassa@gmail.com	Grupp separatista illegali armat li huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-aktar importanti fl-Ukrajna tal-Lvant. Responsabbli għall-għied kontra l-forzi tal-Gvern Ukren fl-Ukrajna tal-Lvant, u għaldaqstant jhedded l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Ukrajna. Ipparteċipa b'mod attiv f'operazzjonijiet militari li wasslu għall-ħtif tal-Ajruport ta' Donetsk. Parti mill-hekk imsejjaħ "L-ewwel Korp tal-Armata" tal-forzi armati tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".	25.7.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
18.	<p>Joint-stock company “Production-Agrarian Union ‘Massandra” (Kumpannija b’ishma konġunti “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni “Massandra”)</p> <p>Акционерное общество ‘Производственно-аграрное объединение “Массандра”</p> <p>(qabel kienet magħrufa bħala State Unitary Enterprise of the “Republic of Crimea” “Production-Agrarian Union ‘Massandra” (Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni “Massandra”)</p> <p>Государственное унитарное предприятие Республики Крым ‘Производственно-аграрное объединение “Массандра”</p>	<p>298650, Crimea, Yalta, Massandra, str. Vinodela Egorova 9.</p> <p>298650, Крым, г. Ялта, пгт. Массандра, ул. Винодела Егорова, д. 9</p> <p>Sit web: http://massandra.su</p> <p>+ 7 978 936 75 04 + 7 3654 23 31 96 + 7 3654 26 16 83</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1209100012648</p>	<p>Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita kontra l-liġi Ukrena. Fid-9 ta’ April 2014 il-“Presidju tal-Parlament tal-Krimea” adotta deċiżjoni Nru 1991-6/14 “Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika tal-Krimea” tas-26 ta’ Marzu 2014 Nru 1836-6/14 “Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprjetà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li jinsab fit-territorju tar-“Repubblika tal-Krimea” li tiddikjara l-appropriazzjoni ta’ assi li jappartjenu lill-entità statali “Assoċjazzjoni Nazzjonali ta’ produttori “Massandra”” fisem ir-“Repubblika tal-Krimea”. L-intrapriża hija b’hekk effettivament ikkonfiskata mill-“awtoritajiet” tal-Krimea.</p>	25.7.2014
	<p>Federal State Budgetary Enterprise ‘Production Agrarian Union “Massandra” of the Administration of the President of the Russian Federation (Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni “Massandra”” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa)</p> <p>Федеральное государственное унитарное предприятие ‘Производственно-аграрное объединение “Массандра” Управления делами Президента Российской Федерации’</p> <p>State concern “National Association of producers ‘Massandra” (Entità statali “Assoċjazzjoni Nazzjonali ta’ produttori “Massandra”)</p>		<p>Reġistrata mill-ġdid fl-1 ta’ Awwissu 2014 bħala l-Intrapriża Baġitarja tal-Istat Federali “Proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye “Massandra”” tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Федеральное государственное унитарное предприятие “Производственно-аграрное объединение “Массандра” Управления делами Президента Российской Федерации”). Fundatur: L-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa (Управление делами Президента Российской Федерации).</p> <p>Reġistrata mill-ġdid fl-1 ta’ April 2019 bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-“Repubblika tal-Krimea” “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni “Massandra””. Reġistrata mill-ġdid fl-1 ta’ Ottubru 2020 bħala kumpannija b’ishma konġunti “Unjoni Agrarja tal-Produzzjoni “Massandra””.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
	Национальное производственно аграрное объединение “Массандра” Nacionalnoye proizvodstvenno agrarnoye obyedinenye “Massandra”			
24.	Public movement ‘Donetsk Republic’ (Moviment pubbliku “Repubblika ta’ Donetsk”) Общественное движение “Донецкая республика”	Informazzjoni uffiċjali: http://oddr.info/ orgotdel@oddr.info Indirizz: Donetsk, Universitetskaya 19 г. Донецк, ул. Университетская, дом 19	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” fit-2 ta’ Novembru 2014 u l-11 ta’ Novembru 2018. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna. Imwaqqa minn Andriy PURGIN u kienet immexxija minn Alexander ZAKHARCHENKO. Fl-2018 innominat lil Denis PUSHYLIN biex ikun “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.	29.11.2014
28.	Luhansk Economic Union (Luganskiy Ekonomicheskiy Soyuz) (L-Unjoni Ekonomika ta’ Luhansk) Луганский экономический союз	Informazzjoni uffiċjali: https://vk.com/public97306393 Telegram: https://t.me/s/od_les_lnr	“Organizzazzjoni soċjali” li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” illegali tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fit-2 ta’ Novembru 2014 u l-11 ta’ Novembru 2018. Innominat kandidat, Oleg AKIMOV, biex ikun “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fl-2014 u membru tal-hekk imsejħa “Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fl-2018. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Il-presidenza tal-“Luganskiy Ekonomicheskiy Soyuz” bħalissa hija okkupata minn Zinaida NADION, li hija Deputat tal-“Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
33.	Prizrak brigade (Brigata Prizrak) Бригада “Призрак”	Indirizz: District 50 Year of the USSR, 18; c. of Kirovsk https://vk.com/battalionprizrak http://prizrak.info/ mail@prizrak.info + 38 (072) 199-86-39	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Parti mill-hekk imsejjaħ “It-tieni Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk”. Jissejjaħ ukoll l-14-il Battaljun Motorizzat tal-Azzarini. Parti mill-hekk imsejjaħ Milizzja tal-Poplu tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”.	16.2.2015”